# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM it-Tnejn, 20 ta' Lulju, 2020**

**Kawża Nru. 4**

**Rik. Nru. 37/11JRM**

Clement **AZZOPARDI**

vs

**DIRETTUR TAS-SWIEQ BL-INGROSSA U FAĊILITAJIET TAL-FLOTTA TAS-SAJD FI ĦDAN IL-MINISTERU GĦAR-RIŻORSI U AFFARIJIET RURALI**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors maħluf imressaq fis-17 ta' Jannar, 2011, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attur jitlob li din il-Qorti (i) ssib l-għemil tad-Direttur mħarrek bl-ittra-ċirkolari tiegħu tad-29 ta' Lulju, 2010, li jwaqqaflu u jħassarlu l-liċenzi jew permessi li kien igawdi, jikser l-artikolu 469A(1)(a) u

(1)(b)(ii) u (iii) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; (ii) issib li tali għemil huwa null, bla siwi u bla effett fil-konfront tiegħu; (iii) issib li, minħabba tali għemil, huwa ġarrab danni; (iv) tillikwida d-danni mġarrba, u (vi) tordna lid-Direttur imħarrek iħalsu d-danni hekk likwidati. Talab ukoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tal-20 ta' Jannar, 2011[1], li bih ordnat in-notifika lid-Direttur imħarrek u tat direttivi lill-attur dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tiegħu;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mid-Direttur imħarrek fil-15 ta' Frar, 2011, li biha laqa' għall-azzjoni attriċi billi, preliminarjament, jgħid li din il-Qorti m'għandhiex kompetenza *rationae materiae* billi l-ilment ta' l-attur jittratta dwar tkeċċija tiegħu mix-xogħol, stat ta' fatt li ma jistax jiġi attribwit lill-imħarrek billi r-relazzjoni li huwa kellu mal-imħarrek ma kinetx waħda ta' prinċipal u impjegat. Kull ilment li jitratta dwar tkeċċija mill-post tax-xogħol kellu jitressaq quddiem it-Tribunal Industrijali u mhux quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. Fil-mertu, jiċħad ix-xiljiet attriċi u jattribwixxi kull nuqqas għal dak li ġara fl-imġiba mhux xierqa tal-attur innifsu li waħdu jaħti għad-deċiżjoni meħuda. Jgħid li m'għandux iħallas danni w imieri l-istqarrija ta' l-attur li tilef l-għixien tiegħu bħala riżultat tad-deċiżjoni meħuda mill-imħarrek. Jgħid ukoll li t-tkeċċija tal-attur saret mill-Koperattiva Ċentrali tal-Bdiewa u għaldaqstant talab is-sejħa fil-kawża ta' l-istess Koperattiva;

Rat il-verbal tas-smigħ tas-16 ta' Frar, 2011[2], li bih l-għaref avukat tad-Direttur imħarrek irtira l-ewwel eċċezzjoni preliminari mressqa fit-Tweġiba Maħlufa;

Rat id-degriet tagħha tas-16 ta' Frar, 2011, li bih ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju sabiex tisma' l-provi tal-partijiet;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet u d-dokumenti mressqa quddiem l-Assistent Ġudizzjarju;

Rat id-degriet tagħha tal-31 ta' Lulju, 2013[3], li biha ċaħdet it-talba tad-Direttur imħarrek tal-14 ta' Ġunju, 2013, sabiex l-atti tal-każ imressaq mill-attur quddiem it-Tribunal Industrijali dwar it-tkeċċija mill-impieg tiegħu, jitqiegħed fl-atti ta' din il-kawża;

[1] Paġġ. 13 sa 14 tal-proċess
[2] Paġ. 45 tal-proċess
[3] Paġ. 238 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha tat-8 ta' Ottubru, 2013[4], li bih ħalliet tat żmien lill-partijiet iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-attur tad-29 ta' Novembru, 2013[5];

Rat in-Nota tal-Sottomissjonijiet tad-Direttur imħarrek tal-31 ta' Jannar, 2014[6], bi tweġiba għal dik attriċi;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkonsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju. L-attur jilmenta mil-mod kif id-Direttur imħarrek ħassar kull permess li huwa kellu biex jista' jidħol fil-Pitkalija u sabiex ma jibqax uffiċjal tagħha. Jgħid li d-deċizjoni tad-Direttur imħarrek hija nieqsa minn kull motivazzjoni u kjarezza, kif ukoll hija għal kollox sproporzjonata. Jgħid li dak l-aġir swielu ħobżu (għax il-Ko-Operattiva li magħha kien impjegat temmitlu l-impieg tiegħu magħha) u ġablu danni. Jitlob għalhekk li l-Qorti tħassar id-deċiżjoni tad-Direttur imħarrek, issib li bl-aġir tiegħu ġarrab danni, u tordna li l-imħarrek iħallsu d-danni li ġarrab wara li jiġu likwidati;

Illi d-Direttur imħarrek laqa' għall-azzjoni attriċi billi, il-mertu, jiċħad ix-xiljiet attriċi u jattribwixxi kull nuqqas għal dak li ġara fl-imġiba mhux xierqa tal-attur innifsu li waħdu jaħti għad-deċiżjoni meħuda. Jgħid li m'għandux iħallas danni w imieri l-istqarrija ta' l-attur li tilef l-għixien tiegħu bħala riżultat tad-deċiżjoni meħuda mill-imħarrek. Jgħid ukoll li t-tkeċċija tal-attur saret mill-Koperattiva Ċentrali tal-Bdiewa u għaldaqstant talab is-sejħa fil-kawża ta' l-istess Koperattiva;

Illi minħabba li l-imħarrek irtira l-eċċezzjoni preliminari tiegħu dwar is-setgħat ta' din il-Qorti li tisma' l-kawża, ma kienx meħtieġ li l-Qorti tgħaddi għas-sejħa fil-kawża tal-Ko-Operattiva, billi l-kwestjoni mertu tal-

[4] Paġ. 239 tal-proċess
[5] Paġġ. 240 sa 250 tal-proċess
[6] Paġġ. 251 sa 264 tal-proċess

kawża tallum ma kinitx it-tkeċċija tal-attur mill-impieg tiegħu magħha (liema kwestjoni tressqet quddiem it-tribunal xieraq);

Illi bħala fatti relevanti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li fl-1 ta' Lulju, 2008[7], il-Koperattiva Ċentrali tal-Bdiewa (minn issa 'l hemm imsejħa "il-Koperattiva") impjegat lill-attur bħala *Ġeneral Manager* magħha għal żmien indefinit taħt il-patti u l-kundizzjonijiet hemm imfissra;

Illi dik il-ħatra kienet titlob mill-attur xogħol fil-Pitkalija f'Ta' Qali bħala uffiċjal tal-Koperattiva;

Illi fid-29 ta' Lulju, 2010[8], inqala' inċident f'wieħed mill-uffiċini tal-Ministeru konċernat li jinsab fil-Pitkalija f'Ta' Qali, bejn l-attur u impjegati ta' l-istess Ministeru. B'riżultat ta' dan l-inċident u dakinhar stess, id-Direttur imħarrek (minn issa 'l hemm imsejjaħ "id-Direttur") bagħat ittra-ċirkolari (minn issa 'l hemm imsejħa "d-deċiżjoni") li tgħid li, sakemm l-attur kien ser jibqa' uffiċjal tal-Koperattiva, id-Dipartiment (bħala Ministeru) kien se jwaqqaf kull rabta magħha u jissospendi kull proġett imniedi għall-benefiċċju tal-Koperattiva. Minbarra f'dan, id-deċiżjoni tgħid ukoll li d-Direttur (li kien ukoll direttur tal-Pitkalija) ħassar b'seħħ minnufih kull permess jew liċenza li l-attur seta' kellu biex jidħol fil-Pitkalija, kemm bħala uffiċjal tal-Koperattiva u kif ukoll bħala bidwi. Ir-raġuni li ngħatat għala d-Direttur wasal biex ħa d-deċiżjoni kienet l-involviment tal-attur fl-inċident li ġara fil-Ministeru fuq imsemmi[9];

Illi hekk kif il-Koperattiva ġiet mgħarrfa bid-deċiżjoni tad-Direttur, l-attur ma tħalliex jidħol fil-Pitkalija minn dak inhar 'il quddiem[10];

Illi jirriżulta li l-attur ma kienx mgħarraf personalment mid-Direttur bid-deċiżjoni li kien ħa fid-29 ta' Lulju, 2010[11], iżda jidher li sa mill-għada kien jaf bid-deċiżjoni u lid-Direttur imħarrek talbu jħallih jidħol fil-Pitkalija biex jieħu ħwejġu minn hemm[12]. Jirriżulta wkoll li l-inċident li seħħ f'Lulju 2010 ma kienx l-ewwel wieħed li l-attur kien imdaħħal fih ma' impjegati fid-Dipartiment konċernat[13];

[7] Dok. "JG3" f'paġġ. 213 sa 216 tal-proċess
[8] Dok. "Ċ" f'paġġ. 35 sa 41 tal-proċess. Ara x-xhieda ta' Maria Saguna f'paġġ. 149 sa 151 tal-proċess u ta' Miriam Galea f'paġġ 152 sa 155 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda ta' Darren Callus, Ferdinand Fiott, Abele Aquilina u Albert Cassar f'paġġ. 156 sa 167 tal-proċess
[9] Dok. "A" f'paġ. 6 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda ta' Angelo Scicluna f'paġ. 102 tal-proċess u x-xhieda ta' Paul Fenech Gonzi f'paġ. 117 tal-proċess
[10] Ara x-xhieda ta' Paul Fenech Gonzi f'paġġ. 115 sa 116 tal-proċess, ta' Keith Scicluna f'paġ. 65, u Dok. "KS" f'paġ. 72 tal-proċess. Ara wkoll Dok. "Ċ" f'paġ. 8 tal-proċess, u Dok. "2" f'paġ. 87 tal-proċess
[11] Ara x-xhieda ta' Paul Fenech Gonzi f'paġ. 115 tal-proċess
[12] Dok "PFG1", f'paġ. 89 tal-proċess
[13] Ara x-xhieda ta' Paul Fenech Gonzi f'paġ. 113 tal-proċess. Ara wkoll Dok. "A" sa Dok. "C" f'paġġ. 26 sa 41 tal-proċess, u x-xhieda ta' Ferdinand Fiott f'paġġ. 160 sa 161 tal-proċess

Illi l-attur dam jaħdem sal-20 ta' Awwissu, 2010[14], u b'ittra tal-24 ta' Awwissu, 2010[15], il-Koperattiva temmitlu l-impjieg tiegħu magħha. Dakinhar kien għad jonqsu ħames snin qabel jirtira bl-età[16]. L-attur jgħid li b'riżultat tat-tkeċċija tiegħu, huwa ġarrab danni fl-ammont ta' mija u erbatax-il elf, tmien mija u ħamsin ewro (€114,850)[17] f'telf ta' pagi u benefiċċji mill-kuntratt tal-impieg li twaqqaflu;

Illi fis-7 ta' Diċembru, 2010[18], l-attur ressaq protest ġudizzjarju kontra d-Direttur minħabba l-aġir tiegħu li fih, filwaqt li żammu responsabbli għal dak li ġarrab minħabba d-deċiżjoni, talbu jħassarha. Fl-istess jum, Azzopardi fetaħ proċeduri quddiem it-Tribunal Industrijali marbuta mat-temm tal-impjieg tiegħu mill-Koperattiva[19]. B'deċiżjoni tat-3 ta' Ottubru, 2012[20], it-Tribunal wasal għall-fehma li t-tkeċċija tal-attur mill-impjieg mal-Koperattiva saret għal raġuni tajba u biżżejjed skond il-liġi;

Illi sadattant, l-attur fetaħ din il-kawża fis-17 ta' Jannar, 2011;

Illi għal dak li jirrigwarda l-<u>konsiderazzjonijiet ta' natura legali</u> marbuta mal-każ, il-Qorti tibda biex tirreferi għaċ-ċirkostanza fejn id-Direttur imħarrek irtira l-ewwel eċċezzjoni preliminari tiegħu. Madankollu, baqa' ma rtirax it-**tieni eċċezzjoni preliminari** li kienet titkellem ukoll dwar it-tkeċċija mill-impieg tal-attur u s-setgħat tal-Qrati ordinarji li jistħarrġu kwestjoni bħal dik. Wieħed irid iżomm quddiem għajnejh in-natura tal-azzjoni mibdija mill-attur f'din il-kawża. Kien l-istess attur, fid-dawl ta' l-ewwel eċċezzjoni preliminari mogħtija mill-imħarrek, li fisser in-natura tal-azzjoni tiegħu. Bis-saħħa ta' dik it-tifsira, huwa neħħa kull dell ta' dubju dwar jekk l-azzjoni tiegħu kenitx waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju taħt l-artikolu 469A tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili, tant li l-imħarrek irtira l-ewwel eċċezzjoni preliminari;

Illi minkejja dan, <u>fit-tieni eċċezzjoni</u>, l-imħarrek jisħaq li kwistjoni ta' tkeċċija minn fuq il-post tax-xogħol għandha tiġi diskussa fit-Tribunal Industrijali u mhux quddiem il-Qorti. F'dan ir-rigward, ġie għadd ta' drabi mfisser mill-Qrati tagħna li l-ġurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal hija biss eċċezzjoni għall-ġurisdizzjoni ġenerali u aktar wiesgħa (imsejha "ġurisdizzjoni

[14] Dok. "JG" sa Dok. "JG2"f'paġġ. 201 sa 203 tal-proċess
[15] Dok. "B" f'paġ. 7 tal-proċess
[16] Ara Dok. "MBA" f'paġġ. 185 sa 187 tal-proċess
[17] Ara n-nota ppreżentata mill-attur f'paġ. 209 tal-proċess
[18] Dok. "D" f'paġġ. 9 sa 11 tal-proċess
[19] Każ Nru. 2861 AdeG
[20] Deċ. Nru. 2176 fl-ismijiet ***Clement Azzopardi vs Farmers' Central Co-Operative Society Limited (FCCS)*** (li minnha ma sarx appell)

ordinarja") li jħaddnu dawn il-Qrati, u l-imsemmija ġurisdizzjoni speċjali, mnissla minn disposizzjoni ta' liġi speċjali, m'għandhiex titħalla toħrog lil hin mil-limiti stretti mfissra f'dak il-ligi speċjali[21];

Illi ta' min iqis ukoll li l-ġurisdizzjoni esklussiva mogħtija lit-Tribunal dwar tkeċċija minn impieg meqjusa bħala inġusta hija, fil-kliem tal-ligi, "għal kull għan". Din il-Qorti tifhem li dan ifisser li l-indaġni dwar jekk it-tkeċċja kinitx mistħoqqa jew le jmur lil hinn minn konsiderazzjoni ta' raġuni ġusta w suffiċjenti fil-mertu;

Illi ġie stabilit kemm mill-kitbiet tal-awturi u kif ukoll minn deċizjonijiet tat-Tribunal innifsu, li huwa għandu s-setgħa li jifli tkeċċija minn impieg ukoll jekk, minkejja li kien hemm raġunijiet li jiġġustifikawha, din tkun saret b'mod mhux mistħoqq jew inġust[22]. Fi kliem iehor, din il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal testendi għal dak li huwa magħruf bħala "*technically unfair dismissal*". Tali bixra ta' fehmiet baqgħet titqies ukoll matul iż-żminijiet[23];

Illi l-istess ħaġa tista' tingħad għal dak li huwa teknikament maghruf bħala "*constructive dismissal*", jiġifieri ċirkostanza ta' temm mill-impieg ta' persuna li, fid-dieher, qisha tkun irriżenjat mill-impieg, imma li, fil-fatt, tkun twasslet f'qagħda li jkollha titlaq kontra r-rieda tagħha minħabba l-imgiba tal-imgħallem tagħha. B'dan għalhekk li, ladarba jiġi stabilit li l-kwestjoni taqa' fil-limiti ta' dik il-gurisdizzjoni esklussiva, l-Qrati ma jkollhomx iżjed setgħa jidhlu fil-kwestjoni, jekk mhux fil-każ ta' appell mid-deċiżjoni tal-istess Tribunal fuq punt ta' liġi jew kif jippreskrivi l-Att li bis-saħħa tiegħu twaqqaf l-istess Tribunal. Kemm hu hekk, dawn il-Qrati waqfu milli jiddeċiedu kwestjonijiet marbuta ma' talbiet dwar kundizzjonijiet ta' impieg u dan ukoll f'kawżi fejn, biex jagħmlu l-aċċertamenti tagħhom dwar il-każ, kien meħtieġ li tigi investigata wkoll il-kwestjoni tal-validità tat-temm tal-impieg[24];

Illi fil-kawża li l-Qorti għandha quddiemha, dak li qed jiġi mistħarreġ ma huwiex r-raġuni wara t-tkeċċija, kwestjoni li ġiet deċiża mit-Tribunal b'sentenza tat-3 ta' Ottubru, 2012, lanqas jekk dak it-Tribunal mexiex b'mod korrett, iżda jekk id-deċiżjoni tal-awtorità pubblika (rappreżentata mid-Direttur imħarrek f'dan il-każ) kinetx ġustifikata meta talbet lill-Koperattiva

---

[21] Ara P.A. **19.4.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Rossignaud nomine vs Borġ nomine*** (Kollez. Vol: **LXXIV.iii.502**)
[22] Ara, per eżempju, deċiżjoni Nru. 85 tat-Tribunal Industrijali tal-**10.3.1981**, fil-każ fl-ismijiet ***Victor Diacono vs M.O.M. Aluminium Limited***
[23] Ara, per eżempju, deċizjoni Nru. 991 tat-Tribunal Industrijali tal-**24.11.1998**, fil-każ fl-ismijiet ***Joan Debattista vs Koperattiva Indafa Pubblika***
[24] P.A. **25.11.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech Pace vs Bondin nomine et*** (Kollez. Vol: **LXXII.iv.838**)

biex l-attur ma jibqax impjegat magħha u meta ħassret il-permessi lill-attur milli jidħol aktar fil-Pitkalija;

Illi l-Qorti għandha is-setgħa li tqis is-siwi tal-għemil li minnu l-attur qed jilmenta, u dik is-setgħa ta' stħarriġ ma hijiex miżmuma minn xi liġi speċjali li tagħti dik is-setgħa lil ħaddieħor. Għaldaqstant, it-tieni eċċezzjoni mqajma mill-imħarrek mhux ser tintlaqa' billi mhix mistħoqqa;

Illi għal dak li jirrigwarda **l-mertu tal-azzjoni attriċi**, jingħad li t-talbiet attriċi huma dawk ta' stħarriġ ġudizzjarju, biex il-Qorti (a) ssib li l-aġir u d-deċiżjoni tad-Direttur imħarrek fil-konfront tal-attur, huma nieqsa mill-motivazzjonijiet u raġunijiet ċari, u huma drastiċi, u dan bi ksur tal-artikolu 469A(1)(a), (b)(ii) u (iii) tal-Kap. 12; (b) issib li l-istess għemil amministrattiv ma jiswiex u huwa null u bla effett fil-konfront ta' l-attur; (ċ) issib li b'riżultat ta' tali aġir l-attur ġarrab danni; (d) tillikwida d-danni mġarrba; u (e) tordna lill-imħarrek iħallas id-danni hekk likwidati;

Illi m'għandu jkun hemm l-ebda dubju li d-Direttur imħarrek kellu s-setgħa mil-liġi li jħassar jew jirtira liċenzja maħruġa minnu jekk kemm-il darba jirriżultaw il-kundizzjonijiet maħsuba mil-liġi għal dan[25]. Minħabba li l-ordni biex l-attur ma jibqax jidħol fil-Pitkalija nħarġet ukoll bis-saħħa ta' liġi[26], lanqas ma hemm dubju dwar il-"legalità" tagħha. Lanqas ma għandu jkun hemm dubju li d-Direttur imħarrek kellu s-setgħa li jikkomunika mal-Kumitat ta' Tmexxija tal-Koperattiva (minn issa msejjaħ "il-Kumitat") li bis-saħħa tal-liġi kien responsabbli mit-tmexxija tal-Koperattiva u tal-impjegati tagħha[27];

Illi dak li l-Qorti trid tqis huwa (1) il-mod kif it-teħid lura tal-biljett tad-dħul sar u kif il-Kumitat wasal biex itemm l-impjieg tal-attur; u (2) jekk seħħitx xi ħaġa li biha t-twettiq ta' dik l-ordni tad-Direttur jew mar lil hinn mis-setgħat mogħtija lilu jew sar bi ksur tal-liġi. Kif ingħad drabi oħra, taħt it-tifsira ta' twettiq ta' setgħat b'mod "*ultra vires*", jaqa' wkoll it-twettiq ta' setgħat b'mod ħażin, b'mod partikolari bi ksur tal-prinċipji tal-ħaqq naturali[28];

Illi meta l-Qorti tintalab biex tistħarreġ għemil amministrativ trid tara li dak l-għemil ikun twettaq sewwa. B'dan wieħed jifhem li (a) l-għemil ikun sar taħt jew bis-saħħa ta' liġi; (b) minn persuna jew awtorità li tkun ingħatatilha dik is-setgħa bil-liġi; u (ċ) li hi u twettaq tali setgħa dik il-persuna jew dik l-awtorità tkun inqdiet biha b'mod li ma tużahiex ħażin jew għal

[25] Art. 7 tal-Kap. 117 tal-Liġijiet ta' Malta
[26] Regolament 6(1) tar-Regolamenti dwar iċ-Ċentri tas-Swieq ta' Prodotti tal-Biedja (A.L. 24/75 kif emendat (L.S. 117.20)
[27] Dwar it-twaqqif u l-funzjoni tal-Kumitat ta' Tmexxija, ara artikolu 74 tal-Kap. 442 tal-Liġijiet ta' Malta
[28] App. Ċiv. **19.10.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***General Workers' Union vs Bank of Valletta p.l.c.***

għanijiet mhux xierqa. Fejn it-twettiq ta' xi setgħa jġib miegħu l-użu ta' diskrezzjoni, l-liġi trid ukoll li dik id-diskrezzjoni tissejjes fuq kunsiderazzjonijiet rilevanti b'ħarsien tar-regoli ta' ħaqq naturali;

Illi jibqa' wkoll il-fatt li meta Qorti tintalab tistħarreġ għemil amministrattiv, hija tista' u għandha tgħarbel kif l-awtorità pubblika tkun eżerċitat id-diskrezzjoni tagħha u ta' xiex tkun ħadet kunsiderazzjoni f'dak l-eżerċizzju[29]. Iżda l-Qorti ma għandha qatt tissostitwixxi b'tagħha d-diskrezzjoni li hija bil-liġi mħollija f'idejn dik l-awtorità[30], u wisq anqas tgħaddi biex hija stess tieħu deċiżjoni li, bil-liġi, tkun tmiss lil dik l-awtorità mogħnija bis-setgħa meħtieġa[31]. U għalhekk, sakemm dan l-eżerċizzju jibqa' wieħed "ta' kassazzjoni", l-Qorti ma tindaħalx dwar jekk id-deċiżjoni jew l-għemil imwettaq ikunx wieħed sostantivament korrett, sakemm ikun formalment raġonevoli u jaqa' fil-limiti tas-setgħat mogħtija lil dik l-awtorità li tkun wettqet l-istess għemil.

Illi dawn il-parametri huma mfissra b'mod ċar u tajjeb f'dan il-kliem meta jingħad li l-istħarriġ ġudizzjarju "*does not allow the court of review to examine the evidence with a view to forming its own view about the substantial merits of the case. It may be that the tribunal whose decision is being challenged has done something which it had no lawful authority to do. It may have abused or misused the authority which it had. It may have departed from the procedures which either by statute or at common law as matter of fairness it ought to have observed. As regards the decision itself it may be found to be perverse or irrational, or grossly disproportionate to what was required. Or the decision may be found to be erroneous in respect of a legal deficiency, as for example, through the absence of evidence, or of sufficient evidence to support it, or through account being taken of irrelevant matter, or through a failure for any reason to take account of a relevant matter, or through some misconstruction of the terms of the statutory provision which the decision maker is required to apply. But while the evidence may have to be explored in order to see if the decision is vitiated by such legal deficiencies it is perfectly clear that in a case of review, as distinct from ordinary appeal, the court may not set about forming its own preferred view of the evidence*"[32];

Illi f'din il-kawża, l-attur jallega li d-Direttur imħarrek mexa miegħu bi ksur tal-jeddijiet tiegħu u b'mod arbitrarju. Ladarba aktar 'il fuq intwera li l-ordni nħarġet bis-saħħa ta' liġi li hija fis-seħħ u minn awtorità li l-

[29] P.A. GV **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Attard vs Enemalta Corporation*** (każ ta' eżami intern) (mhix appellata)
[30] P.A. PS **28.1.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Psaila vs Kummissarju tal-Pulizija*** (każ ta' talba għal ħruġ ta' liċenza) (mhix appellata)
[31] App. Ċiv. **11.5.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Reginald Fava pro et noe vs Suprintendent tas-Saħħa Pubblika noe et***
[32] In Re ***Reid vs Secretary of State for Scotland*** **(1999)**

istess liġi tagħtiha s-setgħa li toħroġ ordni bħal dak, ma jistax jingħad li l-ħruġ minnu nnifsu tal-ordni li l-attur ma jistax jidħol aktar il-Pitkalijia, hija tassew waħda arbitrarja. Jista' jkun arbitrarju l-mod kif id-Direttur imħarrek wasal għad-deċiżjoni li wasal għaliha jew il-mod kif wettaqha. Dan hu l-istħarriġ li sejra tagħmel din il-Qorti b'qies tal-provi mressqa quddiemha mill-partijiet u taċ-ċirkostanzi kollha marbuta mal-każ;

Illi mill-atti tal-kawża jidher li għalkemm l-attur kellu għal qalbu l-interess tal-bdiewa u kien iwettaq xogħolu b'ħeġġa[33], kien jitlagħlu malajr, kien xi ftit goff f'imġiebtu u minn xi daqqiet vjolenti. Jirriżulta wkoll li kien iħaddan fehmiet li mhux neċessarjament kienu jaqblu mad-direzzjoni jew mad-deċiżjonijiet li kienu jittieħdu mill-Ministeru konċernat u li jolqtu x-xogħol tal-Koperattiva[34]. Jirriżulta li inċident partikolari li seħħ fid-29 ta' Lulju, 2010, bejn l-attur u numru ta' mpjegati tal-Ministeru konċernat, ġab lill-attur f'għawġ kbir, li wassal għall-ftuħ ta' proċeduri ġudizzjarji, kemm quddiem din il-Qorti kif ukoll quddiem it-Tribunal Industrijali, wara li d-Direttur imħarrek irtira l-liċenza li l-attur kellu biex jidħol fil-Pitkalija, kif ukoll joħroġ komunika lill-Kumitat, li l-Ministeru ma kienx lest li jibqa' jaħdem mal-Koperattiva sakemm l-attur ikun impjegat tagħha[35];

Illi l-attur jilmenta li tali deċiżjoni ma kinetx motivata billi d-Direttur ma għarrfux bir-raġunijiet wara t-teħid tagħha fil-konfront tiegħu. Jilmenta wkoll li ma ngħatax il-jedd irressaq il-każ tiegħu kif imiss, kif ukoll li d-deċiżjoni li ħa d-Direttur kienet eċċessiva, nieqsa mill-proporzjonalità w irraġonevoli;

Illi d-Direttur imħarrek, min-naħa l-oħra, jgħid li huwa personalment ma nfurmax lill-attur bl-irtirar tal-liċenzja, li huwa ikkomunika biss mal-President tal-Kumitat bħala l-imgħallem tiegħu, għarrfu bir-raġunijiet, u ħalla f'idejh dwar kif l-attur kien ser jiġi nfurmat. Jgħid ukoll li l-Ministeru kien lest li jkompli jaħdem mal-Koperattiva iżda mhux mal-attur[36];

Illi l-atti tal-kawża juru li l-attur ma ngħata ebda twissija mill-Koperattiva li daħal ilment mingħand id-Direttur ħlief fl-istess ittra ta' tkeċċija tal-24 ta' Awwissu, 2010. Jirriżulta wkoll li l-għada tal-inċident, l-attur mar għax-xogħol u ġie miżmum fil-bieb[37];

---

[33] Ara l-affidavits ta' Emanuel Abela f'paġ. 101 tal-proċess, Claudette Camilleri f'paġġ. 105 u 106 tal-proċess, u Anna Zahra f'paġ. 124 tal-proċess

[34] Ara Dok. "3" f'paġ. 88 tal-proċess, ix-xhieda ta' Keith Scicluna f'paġ. 67 tal-proċess, ta' Anthony Zarb f'paġġ. 135 sa 138 tal-proċess, u ta' Paul Fenech Gonzi f'paġġ. 169 sa 170 tal-proċess

[35] Dok. "A" f'paġ. 6 tal-proċess

[36] Ara x-xhieda ta' Paul Fenech Gonzi f'paġġ. 115 sa 117 tal-proċess

[37] Ara l-affidavit ta' l-attur f'paġ. 78 tal-proċess

Illli l-attur jisħaq li ma ngħata l-ebda raġuni għaliex itteħidlu l-permess li jidħol aktar fil-Pitkalija. Huwa jisħaq li kellu jkun jaf għaliex id-Direttur imħarrek wasal għall-fehma li jżommlu l-permessi milli jidħol fil-Pitkalija, u l-fatt li xi żmien wara spjegawlu x'kien li wassal biex ittieħdet id-deċiżjoni ma jsewwix dak li sar mill-ewwel ħażin. Għalhekk, jgħid li kien hemm ksur tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 469A(1)(b)(ii) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta għaliex l-għoti ta' raġuni f'deċiżjoni amministrattiva hija l-ħarsien ta' regola ta' ħaqq naturali. In-nuqqas ta' għoti ta' raġuni huwa ksur ta' dik ir-regola;

Illi, min-naħa tiegħu, id-Direttur imħarrek jisħaq li kellu kull raġuni tajbha biex jieħu d-deċiżjoni u li r-raġuni li għaliha ħadha kienet magħrufa lil kull min kellu interess ikun jaf, magħdud l-attur;

Illi l-għoti u t-tismija ta' raġuni li jkunu wasslu għal deċiżjoni amministrattiva huma għodda meħtieġa li biha wieħed jista' jqis is-siwi ta' dik id-deċiżjoni. Fuq is-saħħa ta' dik jew dawk ir-raġunijiet, wieħed ikun jaf x'ikun wassal lill-awtorità biex tiddeċiedi kif iddeċidiet, x'qieset biex waslet għal deċiżjoni bħal dik[38], u x'rimedju jista' jkollu dwarha. L-awturi jgħallmu li "*The principles of natural justice do not, as yet, include any general rule that reasons should be given for decisions. Nevertheless there is a strong case to be made for the giving of reasons as an essential element of administrative justice. The need for it has been sharply exposed by the expanding law of judicial review, now that so many decisions are liable to be quashed or appealed against on grounds of improper purpose, irrelevant considerations and errors of law of various kinds. Unless the citizen can discover the reasoning behind the decision, he may be unable to tell whether it is reviewable or not, and so he may be deprived of the protection of the law. A right to reasons is therefore an indispensable part of a sound system of judicial review. Natural justice may provide the best rubric for it, since the giving of reasons is required by the ordinary man's sense of justice. It is also a healthy discipline for all who exercise power over others. .. .. Notwithstanding that there is no general rule requiring the giving of reasons, it is increasingly clear that there are many circumstances in which an administrative authority which fails to give reasons will be found to have acted unlawfully*"[39];

Illi d-deċiżjoni kienet tgħid ċar u tond x'wassal biex id-Direttur ħa l-passi li ħa. Kienet issemmi wkoll inċident partikolari li l-attur kien mgħarraf

[38] App. Ċiv. **4.3.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Alfred Sant vs Kummissarju tat-Taxxi Interni*** (mhix pubblikata)
[39] Wade & Forsyth *op. cit.* paġġ. 440 – 1

bif. Kemm hu hekk, l-għada bagħat ittra elettronika lill-imħarrek li fiha juri li jaf x'seta' wassal għad-deċiżjoni. Il-kumplikazzjoni f'din il-kawża tqum minħabba l-fatt li l-azzjoni tressqet biss fil-konfront tad-Direttur imħarrek u mhux wkoll fil-konfront tal-Kumitat. Bla tlaqliq, il-Qorti tiċċensura l-imġiba tal-attur fl-inċident li wassal biex ittieħdet id-deċiżjoni attakkata. Ma tarax kif tali mġiba toqgħod ma' persuna li żżomm kariga maniġerjali bħalma kellu l-attur dakinhar. Tqis li la għandu jkun tollerat u wisq aktar aċċettat aġir mhux xieraq fuq il-post tax-xogħol, għaldaqstant ma taqbilx mal-argument tal-attur li l-inċident mertu tal-kawża kien "inċident żgħir"[40]. Tqis ukoll li dan ma kienx l-ewwel argument li l-attur kellu fuq il-post tax-xogħol[41]. Tqis li l-attur ma seħħlux jipprova x-xilja li d-Direttur imħarrek inqeda b'dan l-inċident biex iwarbu[42]. Lanqas jista' jgħid li d-Direttur keskes lill-Kumitat minn wara dahru biex itelliflu l-impieg tiegħu. Min-naħa l-oħra, l-attur ma kienx impjegat mad-Direttur u lanqas uffiċjal pubbliku. Kien impjegat mal-Koperattiva;

Illi dawn il-kunsiderazzjonijiet iwasslu lill-Qorti għall-fehma li r-raġuni msemmija fl-ittra tad-29 ta' Lulju, 2010 mid-Direttur lill-Kumitat kienet waħda raġonevoli u msejsa fuq fatt magħruf lill-attur innifsu għaliex kien imdaħħal fih. Kienet ukoll raġuni ta' ordni pubbliku u taż-żamma ta' ordni pubbliku. Jibqa' l-fatt ukoll li d-deċiżjoni aħħarija li l-kuntratt tal-impieg jiġi mitmum ittieħdet mill-Kumitat, li mhux mid-Direttur, u li għaldaqstant il-Qorti ma tistax tistħarreġ dwarha;

Illi għar-rigward tal-irtirar tal-liċenzja, il-qorti tqis li l-liġi fis-seħħ meta ġara l-inċident kienet tagħti lid-Direttur is-setgħa li jħassar liċenzja[43], iżda mhux li jissosspendiha. Setgħa bħal dik iddaħlet fil-liġi aktar 'il quddiem permezz ta' bidla fir-Regolamenti relattivi[44]. Il-liġi kienet għaldaqstant tagħti lid-Direttur diskrezzjoni. L-atti juru wkoll li d-Direttur għarraf bl-irtirar tal-liċenzja lil-President tal-Kumitat u talbu jikkomunika tali deċiżjoni lill-attur;

Illi l-attur iqis li f'dan ir-rigward id-Direttur imħarrek mexa b'mod abbużiv u bi ksur tal-liġi għaliex ma wettaqx id-diskrezzjoni tiegħu b'mod proporzjonat;

Illi biex imġieba titqies abbużiva, min jallegaha jrid juri li kien hemm element ta' intenzjoni biex wieħed jagħmel il-ħsara, liema fehma wieħed jista' jasal biex juriha b'xi prova ta' mġiba esterna li tagħmel parti mill-

[40] Ara Rikors Maħluf premessa numru wieħed
[41] Dok. "A" u Dok. "B" f'paġġ. 26 sa 34 tal-proċess
[42] Ara l-affidavit ta' l-attur f'paġ. 78 tal-proċess
[43] Art. 7 tal-Att dwar il-Provvisti u s-Servizzi (Kap. 117)
[44] Reg 17 tal-A.L. 24 tal-1975 kif emendat (L.S. 117.20) jipprovdi *"Kull liċenza, pass jew permess mogħtijin għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti jistgħu jiġu sospiżi jew imħassra f'kull żmien mill-awtorità jew mill-persuna li jkollha s-setgħa li toħroġhom"*

eżerċizzju diskrezzjonali li jkun. Minbarra dan, l-eżerċizzju diskrezzjonali jrid ikun kemm "*rite*" u kif ukoll "*recte*", jiġifieri jrid jitwettaq skond il-proċedura stabilita u kif ukoll imħaddem b'ħaqq[45]. Dan kollu jitlob ukoll li d-diskrezzjoni titwettaq b'mod raġonevoli;

Illi huwa mgħallem fid-duttrina li "*A person in whom is vested a discretion must exercise his discretion upon reasonable grounds. A discretion does not empower a man to do what he likes merely because he is intended to do so – he must not in the exercise of his discretion do what he likes but what he ought. In other words, he must by the use of his reason ascertain and follow the course which reason directs. He must act reasonably. ... Virtually, all administrative decisions are rational in the sense that they are given for intelligible reasons, but the question then is whether they measure up to the legal standard of reasonableness within which the deciding authority has genuinely free discretion. If it passes those bounds, it acts ultra vires*"[46]. Il-kejl ta' twettiq raġonevoli ta' diskrezzjoni amministrativa jinbena fuq kriterji oġġettivi[47];

Illi mill-konsiderazzjonijiet kollha li ssemmew aktar qabel il-Qorti tasal għall-fehma li d-diskrezzjoni mħaddma mid-Direttur imħarrek f'dan il-każ ma twettqitx b'mod irraġonevoli jew arbitrarju, u għalhekk ma ssibx li l-ilment ta' l-attur kif magħmul fl-ewwel talba u safejn jirrigwarda d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 469A(1)(b) tal-Kodiċi Proċedurali huwa mistħoqq;

Illi l-attur ma fisser xejn kif l-għemil tad-Direttur imħarrek jikser id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 469A(1)(a) tal-imsemmi Kodiċi, u l-Qorti f'dan ir-rigward tqis li l-attur naqas għal kollox milli jipprova xi ksur f'dak ir-rigward ukoll;

Illi dan ifisser li l-eċċezzjonijiet fil-mertu mressqa mid-Direttur imħarrek huma tajbin u għalhekk l-ewwel talba attriċi m'hijiex sejra tintlaqa';

Illi t-**talbiet attriċi l-oħrajn** huma konsegwenzjali għall-ewwel waħda u għaldaqstant sejrin ukoll jiġu miċħuda;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

---

[45] App. Inf. PS **26.2.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Peter J. Azzopardi et noe vs Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji***
[46] HWR Wade & CF Forsyth Administrative Law (10th. Edit.), paġġ. 295 – 6
[47] P.A. RCP **20.10.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Stephanie Dalli vs Dr. Valerie Sollars et*** (mhix appellata)

**Tastjeni** milli tqis l-ewwel eċċezzjoni preliminari tad-Direttur imħarrek billi rtiraha;

**Tiċħad it-tieni eċċezzjoni** preliminari tad-Direttur imħarrek billi marbuta mal-ewwel eċċezzjoni msemmija u billi l-kwestjoni ewlenija tal-kawża ma kinitx it-tkeċċija mill-impieg tal-attur;

**Tiċħad l-ewwel talba attriċi** billi ma ntweriex li d-deċiżjoni tad-Direttur imħarrek kif komunikata fl-ittra-ċirkolari tad-29 ta' Lulju, 2010, saret bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 469A(1)(a) u (1)(b)(ii) u (iii) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Tastjen**i milli tqis aktar it-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-ħames talbiet attriċi, ladarba t-talbiet huma konsegwenzjali għall-ewwel talba;

**Tilqa' l-eċċezzjonijiet fil-mertu** tad-Direttur imħarrek bħala mistħoqqa; u

**Tordna** li l-attur iħallas **l-ispejjeż** tal-kawża.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**20 ta' Lulju, 2020**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**

**20 ta' Lulju, 2020**